**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI IŻ-ŻURRIEQ**

**L-GĦAXAR LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU ERBGĦA U GĦOXRIN**

**29TA' APRIL, 2026**

**Il-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Iż- Żurrieq Fl-18:00 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, l-Kunsilliera s-Sinjura Marisa D'amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Dino Bonnici, s-Sinjorina Marylyn Sammut, s-Sur Jeremy Coleiro u s-Sur Daniel Muscat.

**SKUŻAT**

Il-Kunsillier Kyle Mifsud informa li ma setgħax jattendi.

**ASSENTI**
-
**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **24.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 24.1.1 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud informa li ma setgħax jattendi. **Dok 1 mehmuż.** |
| | | |
| **24.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 24.2.1 | | Kien hemm qbil li l-fiera tradizzjonali Maltija ma issirx f'Mejju.<br>Kien hemm qbil li l-car show issir ġaladarba hemm ix-xogħol kollu lest għaliha. |
| | | |
| 24.2.2 | | Il-minuti numru 23 ġew approvati. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***24.3*** | | ***Komunikazzjoni mis-Sindku*** |
| | | |
| 24.3.1 | | Is-Sindku qalet li:<br>• Jum IŻ-Żurrieq isir normali fl-1 ta' Ġunju, b'quddiesa fis-18:30 fil-Knisja Arċipretali u tqegħid ta' kururni. Ġieħ Iż-Żurrieq ser isir fis-6 ta' Mejju, 2026 u tkun l-aħħar attività ta' Jum Iż-Żurrieq.<br>• Saret laqgħa mal-kuntrattur tas-sit ta' Triq il-Passju u mal-perit tal-Kunsill fuq il-proġett ta' Triq Gervaze Matthew, fejn kien hemm qbil li l-kuntrattur li kien ser jgħati l-art, binja u *finishings* ta' binja, li tkun parti mis-sit, minflok jgħati xogħol fil-proġett tal-Kunsill ta' Triq Gervaze Matthew. Il-pass li jmiss hu li l-Perit jivvaluta dak li l-Kunsill kien imwiegħed permezz ta' konvenju. |
| | | |
| 24.3.2 | | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa ma' Profs Mangion fuq Wied iż-Żurrieq. Minuti annessi. **Dok2.** |
| | | |
| 24.3.3 | | Is-Sindku qalet li l-wasal iż-żmien biex jinġabru r-writeups għall-Kunsill News li jmiss. Kien hemm qbil li jsir għal Settembru/Ottubru. |
| | | |
| 24.3.4 | | Is-Sindku qalet li l-Kunsill tefa applikazzjoni għall-Proġett Mill-Pjazza għal Pjazza. Iż-Żurrieq ġie magħżul minn fost 45 kunsill oħra. L-attivitajiet fiż-Żurrieq ser isiru fl-4 ta' Ottubru. |
| | | |
| 24.3.5 | | Is-Sindku qalet li hi flimkien mal-Kunsillieri Dino Bonnici u Marisa D'Amato u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-bejjiegħa tal-monti li jarmaw f'parti minn Vjal il-Blue Grotto. Ma kienx hemm qbil li jiċċaqilqu minn fejn qed jagħrmaw bħalissa u jimblokkaw il-garaxxijiet, qabel il-Kunsill jagħti post alternattiv lill-bejjiegħa tal-monti kollu u mhux lil dawk involuti u li jinsabu quddiem garaxxijiet partikolari. Minuti **annessi Dok 3**<br><br>Wara l-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv kompliet tibgħat korrispondenza lil TM biex jipproċedu bil-permessi biex il-monti jiċċaqlaq għal Vjal ix-Xarolla.<br><br>Wara din il-laqgħa, s-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu mistiedna jattendu laqgħa mal-bord ta' TM, fejn spjegaw biex il-monti jkun rilokat għal Vjal ix-Xarolla. Perit membru tal-bord ma qablitx minħabba li Vjal ix-Xarolla hi triq arterjali u distributorji. Ippruvaw jikkonvinċu biex l-Kunsill isib post ieħor alternattiv bħal Vjal il-Blue Grotto fil-*main road.*<br><br>Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li l-bejjiegħa tal-monti, għandhom ċertu *power* li jirrumblaw minn fuq il-Kunsill u huma anke jħallsu flus biex ikollhom posta minflok ħaddieħor. U mhux għalkemm il-Kunsill jgħid li jċaqalqu għal post ieħor. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Kunsill ħa l-pożizzjoni li joġġezzjona fuq il-monti u approva li l-monti isir fi triq oħra biex jissalvagwardja lir-residenti. Mhux tort tal-Kunsill jekk dan ma jsirx.<br><br>Il-Kunsilliera Marsia D'Amato qalet li hi ukoll kienet issuġġeriet li jsir fi Vjal il-Blue Grotto fil-*main road.* Hemm bżonn li jekk jiċċaqalqu dawn ikollhom l-istess qies għal kull posta, mhux kulħadd ikabbar kemm irid. |
| | | |
| 24.3.6 | | Dan l-aħħar ħmistax is-Sindku qalet li kellha ħafna pressjoni biex titneħħa il-hump fi Triq Bronja (fejn l-ispiżerija Bronja). Hi dejjem tinforma li din il-*hump crossing* saret minn IM u mhux mil-Kunsill.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill kien talab l-approvazzjoni ta' din il-hump qabel ma saret u ħadd mir-residenti ma' oġġezzjona.<br><br>Kien hemm qbil titneħħa l-*hump* minn IM u ssir talba mill-Kunsill, biex tibqa l-*crossing* biss. |
| | | |
| 24.3.7 | | Is-Sindku qalet li s-Segretarju Eżekuttiv ma taċċettax li tibqa tmur mal-kuntrattur tal-linji tat-traffiku. Hi ser tibda tressaq il-lista tal-ilmenti li jidħlu fil-Kunsill, għall-approvazzjoni tal-Kunsill u wara jmorru l-ħaddiema waħidhom. Il-lista tressqet u ġiet approvata. |
| | | |
| 24.3.8 | | Is-Sindku preżentat nies li pproponiet li jkunu fil-bord taċ-Ċittadin Ewlieni. Il-Kunsilliera kollha qablu. |
| | | |
| ***24.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| | | |
| 24.4.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li ġie kkuntatjat minn Angermunde li l-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq hu ġemellat magħhom, u jixtiequ li s-Sindku u l-Viċi Sindku jitilgħu Angermunde biex ikomplu r-relazzjoni tal-ġemellaġġ magħhom. Dan il-ġemellaġġ fih potenzjal kbir u jekk irid li jitla xi kunsillier minfloku, jistidnu li jitla ukoll. Dan ser ikun imħallas kollox mil-Kunsill Ġermaniż. Meta jiġu mistiedna huma jħallas il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq. |
| | | |
| 24.4.2 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li hi kienet Pedara u l-Kunsillier Carmelo bagħat it-tislijiet tiegħu lill-Kunsill taż-Żurrieq. Jekk nerġgħu mmorru Pedara nistgħu immoru f'postijiet oħra.<br><br>Għall-attivita li l-Kunsill għamel flimkien mal-Orkestra Żurrieq, fl-24ta' Jannar, ħadu sehem 7 persuni fil-kor li jridu jitħallsu 120E kull wieħed. Dawn ġew approvati biex jitħallsu. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li trid tagħmilha ċara lis-Sotto kumitat Orkestra, li l-Kunsill qabel ma jippjana kunċert, l-ispejjeż iridu jgħaddu mill-Kunsill qabel l-attivita, u kull min ser jieħu sehem ma jridx jiġi u jrid jitħallas bilfors. Mhux ġust lanqas li hemm parti mill-parteċipanti jitħallsu u oħrajn le.<br>Il-Kunsill irid ikun infurmat b'kollox qabel kull attività. Kien hemm min ġie biss l-aħħar żewġ *rehersals* u pretendew li jitħallsu. Il-kor għal darb' oħra jrid ikun kor kreditat mhux imlaqqat minn nies differenti.<br>Hemm kantanti li ilhom jagħtu servizz għal diversi snin u mhux magħżula għall-attivita tal-kunċert li jmiss. Dawn l-affarijiet qed ikunu imposti mis-surmast u s-sotto kumitat orkestra. Il-kantanti jiġu magħżula minn dan is-sotto kumitat. Is-sotto kumitat ma jintaqax, imma jitkellmu biss f'chat li hemm ukoll is-Sindku u l-kunsillier Marisa D'Amato. Jekk ser ikun hemm xi ħaġa li l-Kunsill ma jkunx jaf biha u ma japprovahix, l-attivita ma ssirx. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>Il-Kunċert tan-90's ser isir fit-12 ta' Ġunju fi Pjazza Rjali. Fl-aħħar rehersal li ser isir fl-4 ta' Ġunju f'Ħal Luqa, ser jingħataw refreshments.<br>Ser jiġi provdut ukoll trasport għal ġranet 10, 11, 12 ta' Ġunju, mil-park and ride tal-Marsa għall-Belt.<br><br>Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia ħareġ mis-seduta ħin 18:46. |
| 24.4.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia :<br>• Kellna diversi ilmenti fuq il-linji doppji sofor fi Triq 25 ta' Novembru, wara approvazzjoni fis-seduta preċedenti. Kien hemm qbil li l-Kunsill iġib l-approvazzjoni ta' TM biex in-nies ikunu jistgħu jipparkjaw bejn il-5:00pm u s-7:00am. |
| | | |
| 24.4.4 | | Il-Kunsilliera Marilyn Sammut qal:<br>• Kellha ilmenti li qed jidħol drenaġġ fid-djar ta' Triq 25 ta' Novembru. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li intbagħtu emails fuq ir-rigward lill-IM.<br>• Bus shelters x'ser isir? Is-Sindku qalet li dawn ser isiru fejn l-aktar bżonn.<br>• Il-Kunsill tat-tfal issuġġerew li ssir clean up. Ser jiġu mistiedna waqt il-clean up tal-Kunsill |
| | | |
| 24.4.5 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal:<br>• Li nhar it-Tnejn li għadda z-Zurrieq FC għamlu il-launch tas-sezzjonijiet ta' taħriġ tal-football li ser jibdew f'Settembru għat tfal b'diżabilita viżibbli. Wrew interess 20 persuna. Il-pjan hu li jkun hemm sezzjoni ta' siegħa kull darba. Il-Ministeru tal-Volontarjat u Inklużjoni ser jgħati l-għajnuna tiegħu ukoll.<br>• Meta sar l-embelishment ta' Triq il-Wied ma tħawlux siġar. Kien hemm qbil li jitħawlu siġar kbar li ma jwaqqgħux weraq fuq il-bankijiet. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 24.4.6 | | Il-Kunsillier Daniel Muscat qal li hemm bżonn li jinbidel s-safety material ta' Ġnien il-bennej. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***24.5*** | | ***Gabbani tal-Festa 2026*** |
| | | |
| 24.5.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-lista ta' gabbana li applikaw fil-festi preċedenti biex jerġgħu jingħataw permess għal din is-sena. Kien hemm qbil li ma jiżdiedux gabbana oħra aktar milli kienu applikaw fis-snin preċedenti. |
| | | |
| ***24.6*** | | ***Tenders:***<br>• ***Maintenance of Traffic Signs and Road markings***<br>• ***Service of an architect***<br>• ***Works on Pavements, retaining walls and culverts,***<br>• ***Services of an accountant*** |
| | | |
| 24.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li t-tenders hawn taħt imsemmija waslu biex jerġgħu joħorġu għaliex ser jiskadu f'Settembru.<br>Kien hemm qbil li l-aġġudikazzjoni issir mill-Kunsilliera Kyle Mifsud u Daniel Muscat u Jeremy Coleiro.<br>• ***Maintenance of Traffic Signs and Road markings***<br>• ***Service of an architect***<br>• ***Works on Pavements, retaining walls and culverts,***<br>• ***Services of an accountant***<br><br>Kien hemm qbil biex jinbeda x-xogħol fuq il-ħruġ tas-sejħiet. |
| | | |
| ***24.7*** | | ***Pjan ta' ħidma rivedut April 2026/ laqgħa annwali tal-komunita*** |
| | | |
| 24.7.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-pjan ta' ħidma rivedut ta' April 2026. Dan tressaq fis-seduta annwali li saret qabel din is-seduta. Fejn ma kien hemm ħadd preżenti mir-residenti.<br><br>Ġie approvat ir-rapport annwali. |
| | | |
| ***24.8*** | | ***Approvazzjoni tal-Financial Statements mill-Awdituri*** |
| | | |
| 24.8.1 | | Minħabba li l-awditur għadha ma lestitx mix-xogħol tal-awditjar għas-sena 2025, ġie ssuġġerit li s-seduta li jmiss tkun ġimgħa oħra ħalli jiġu approvati.<br>Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tkun fit-12 ta' Mejju, 2026. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***24.9*** | | ***Items oħra ta' xogħlijiet tal-Kunsill li jkunu meħtieġa.*** |
| | | |
| ***24.9*** | | ***Approvazzjonijiet : Xogħlijiet u Servizzi.*** |
| | | |
| 24.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet:<br>• Residenti li għandhom garaxx fi Triq Bronja qed jerġgħu jitolbu li ssir il-mera faċċata tal-garaxxijiet tagħhom, għax qed isibuha perikoluża li joħorġu mill-garaxx. Il-Kunsillier Marisa D'amato qalet li Triq Bronja jeħtieġ li ssir one way Traffic. Imma dan irid isir wara li ssir l-*embelishment* ta' Misraħ Repubblika'. Il-Kunsillier Dino Bonnici jekk il-Kunsill jaċċetta li issir il-mera, jkun hemm bżonn li ssir mera f'diversi postijiet bl-istess istwazzjoni u l-kunsill kull meta jagħmel xi ħaġa dejjem jipprova ma jdejjaq lil ħadd, inkluż bozza ma' propjetà. Il-messaġġ li għandhom jieħdu r-residenti hu li m'għaddewx 6 xhur mill-approvazzjoni tal-Kunsill.<br>• Kien hemm talba biex parti mit-traffic island li hemm bejn Vjal l-Indipendenza u Triq Donato del Piano tiġi parkeġġ għall-vetturi. Kien hemm qbil li dan il-każ jgħaddi għand TM.<br>• Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Għaqda Karmelitana Banda QV biex titneħħa palma mir-round about ta' Vjal il-Blue Grotto li qed tostakola il-viżibilita' tal-monument tal-Madonna tal-Karmnu. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb biex jitneħħew il-palm kollu u jitħawlu Triq il-Wied u minflok jitħawlu fjuri jew pjanti oħra li jibqgħu baxxi.<br>• Talba biex issir kaxxa safra fi Triq Frangisk Coleiro/Triq Dun Guzepp Farrugia, peress li l-persuna li tgħix f'din id-dar ikollha bżonn ta' spiss tuża wheel chair temporanjament. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fi Triq Filippu Farrugia hemm talba biex isir tower crane għal sena u 3 xhur. Dan ġej 35metru 'l ġewwa minn Vjal l-Indipendenza. Dawn ser jagħmlu bankina madwar it-tower crane u faċċata ser jagħmlu double yellow lines, sabiex it-triq tibqa two way Traffic. Dan it-tower crane mistenni jdum sena sħiħa<br>• Talba għal pole f'Wesgħa Joseph M Cassar u fi Triq il-Kunċizzjoni għaliex xorta qed jipparkjaw mal-garaxx, għalkemm saru double yellow lines. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 24.9.2 | | Hemm bżonn li l-Kunsill japprova sabiex il-BOV jgħolli l-limitu ta' kemm fondi jista jitrasferixxi minn kont għall-ieħor. Hemm bżonn li l-limitu jkun ta' 150,000Euro. Dan l-aktar biex isiru l-ħlasijiet wara kull seduta.<br>Kien hemm qbil unanimu fuq dan. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 24.9.3 | | Fir-rigward tal-iskema Finanzjarja li ħarġet l-Annimal Welfare fuq Cat Cafes 2026, il-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq ser japplika għall-fondi fuq estenzjoni tal-Cat Cafe eżistenti ta' Triq il-Belt Valletta. Din tagħlaq fit- 30 ta' April, 2026. |
| | | |
| 24.9.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet lista ta' ilmenti li għandhom x'jaqsmu mal-linji tat-toroq. Dawn ġew approvati biex isiru. |
| | | |
| 24.9.5 | | Inġabru stimi ta' *Sound* u dawl għall-attivita tal-Orkestra Żurrieq li ser issir fi Pjazza Teatru Rjal fil-Belt Valletta.<br>Stimi ingħataw biss waħda għal kull ħaġa, għalkemm kienu intbagħtu diversi *emails*.<br><br>Kien hemm qbil fuq l-istimi li inġabru. |
| | | |
| ***24.10*** | | ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tar-Reġjun Punent.*** |
| | | |
| 24.10.1 | | Tressqu l-minuti tar-Reġjun Punent numri 58, 59 u 60. |
| | | |
| ***24.11*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 24.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 4** għall-ammont totali ta'€201,239.04<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsilliera Jeremy Coleiro u Daniel Muscat. |
| | | |
| ***24.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS u TAL-LAQGĦA ANNWALI*** |
| | | |
| 24.12.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-20:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 12 ta' Mejju, 2026 fil-5:30 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum ___ ta' Mejju, 2026

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**